**A.L. 178 tal-2013**

## ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

## Regoli tal-2013 li jemendaw ir-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Persuni li mhumiex Ċittadini tal-UE/ŻEE/Svizzera

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56 (23) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2013 li jemendaw ir-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Persuni li mhumiex Ċittadini tal-UE/ŻEE/Svizzera, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Persuni li mhumiex Ċittadini tal-UE/ŻEE/ Svizzera, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.130

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 2013.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

**2.** Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subregola (1) tagħha, minflok il-kliem "u billi jħallas d-dritt li jista' jiġi preskritt mill-Ministru." għandhom jidħlu l-kliem "u billi jħallas d-dritt li jista' jiġi preskritt mill-Ministru:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Kummissarju m'għandux jirċievi kwalunkwe applikazzjonijiet għal status speċjali ta' taxxa skont dawn ir-regoli wara t-30 ta' Ġunju, 2013.";

(b) fis-subregola (2) tagħha, minflok il-kliem "jikkwalifika għal status speċjali ta' taxxa skont dawn ir-regoli." għandhom jidħlu l-kliem "jikkwalifika għal status speċjali ta' taxxa skont dawn ir-regoli:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Kummissarju ma għandux joħroġ determinazzjonijiet bħal dawn bil-miktub wara t-30 ta' Ġunju, 2013."; u

(ċ) minnufih wara l-proviso ġdid għas-subregola (2)

tagħha, għandha tiżdied is-subregola ġdida li ġejja:

"(3) Benefiċjarju fil-pussess ta' status speċjali ta' taxxa mogħtija taħt dawn ir-regoli jista' jitlob lill-Kummissarju li jagħtih status speċjali ta' taxxa taħt ir-Regoli tal-2013 dwar il-Programm ta' Residenza Globali. Malli jirċievi tali talba, il-Kummissarju għandu joħroġ determinazzjoni bil-miktub li l-benefiċjarju jkun ġie mogħti status speċjali ta' taxxa taħt ir-Regoli tal-2013 dwar il-Programm ta' Residenza Globali. Tali talba għandha tiġi magħmula permezz tas-servizzi ta' manadatarju awtorizzat reġistrat u għandha tagħmel referenza għal din ir-regola:

Iżda f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni għal status speċjali ta' taxxa tkun saret taħt dawn ir-regoli, u l-Kummissarju kien għadu ma ħariġx determinazzjoni bil-miktub li tikkonferma dan l-istatus sat-30 ta' Ġunju, 2013, l-applikant jista' jitlob lill-Kummissarju sabiex tali applikazzjoni tiġi kkunsidrata li tkun saret taħt ir-Regoli tal-2013 dwar il-Programm ta' Residenza Globali. Tali talba għandha ssir permezz tas-servizzi ta' manadatarju awtorizzat reġistrat u għandha tagħmel referenza għal din ir-regola.".